# MINN FOMM ORLANDO MAGRO
## EROJ MALTI MATUL L-ASSEDJU

William Zammit

Ġrajjiet, kif ukoll persunaġġi ewlenin fl-istorja ta' poplu għandhom ħabta kif ixettlu magħhom għadd ta' miti, leġġendi u tifkiriet oħra illi – filwaqt li ma jkunux ibbażati fuq fatti li jistgħu jkunu konfermati storikament – xorta waħda jassumu rwol fundamentali fil-kuntest tal-iżvilupp kulturali nazzjonali fis-sens wiesa' tal-kelma. Prattikament kull nazzjon joħloq dawn ir-rakkonti, kultant mix-xejn, iżda kultant minn veritajiet storiċi pjuttost xotti iżda li maż-żmien jiġu ttrasformati f'miti u leġġendi. Ir-raġunijiet għala dan iseħħ huma diversi: għaliex ċerti ġrajjiet ta' importanza nazzjonali kważi jintesew għalkollox, filwaqt li oħrajn jiksbu rikonoxximent, interess u rispett b'tali mod li jintgħaġnu ħaġa waħda mal-identità ta' nazzjon?

Fost l-avvenimenti ewlenin fil-kuntest storiku Malti fejn wieħed jista' jara dan il-proċess huwa appuntu l-Assedju l-Kbir tal-1565. L-Assedju u r-rebħa kontra forza ferm akbar bla dubju tikkostitwixxi ġrajja ewlenija fl-istorja ta' nazzjon żgħir maħkum u għatxan huwa wkoll għal mumenti ta' glorja fl-istorja tiegħu. Fuq livell purament storiku, l-Assedju huwa dokumentat b'mod pjuttost dettaljat: ir-rakkonti kontemporanji kif ukoll l-evidenza viżiva fil-forma ta' mapep tal-perjodu mhumiex nieqsa.

Li dejjem kien nieqes, iżda, kien dak it-tagħrif, dawk l-istejjer ta' kuraġġ, dawk l-għemejjel qalbiena tal-Maltin li, għalkemm ftit li xejn ġew dokumentati storikament, żgur li seħħew b'mod jew b'ieħor. Eluf ta' Maltin imsakkra wara l-fortifikazzjonijiet għal kważi erba' xhur b'għadu determinat li jkisser u jaħkem lil pajjiżhom żgur li wassal għal atti erojċi, kemm fuq livell tal-massa kif ukoll fuq dak individwali.



Iġsma mutilati tal-eroj ta' Sant'Iermu. Disinn ta' Robert Caruana Dingli mill-ktieb ta' Salvatore Laspina, *Outlines of Maltese History*. Dan id-disinn hu partikolarment interessanti peress li deher fl-ewwel edizzjonijiet tal-ktieb ta' Laspina. L-aħħar li deher kien fil-ħames edizzjoni, dik pubblikata fl-1950. Fl-edizzjonijiet ta' wara dan id-disinn ma jidher qatt, minħabba li kien meqjuż bħala grafiku wisq għal udjenza żagħżugħa

Hawn jidħlu l-kittieba Maltin, nies bħal Ġan Anton Vassallo, Ġużè Muscat Azzopardi u tant u tant oħrajn li, minn laqxiet storiċi li kemm kemm isemmu l-kuraġġ tal-Maltin matul l-Assedju, ħolqu poeżiji, rumanzi, drammi u kitbiet oħra li permezz tagħhom taw lill-poplu mudelli nazzjonali fi żmien meta l-ispirtu tan-nazzjonaliżmu kien fl-eqqel tiegħu. Hekk insibu karattri bħal dak ta' Ċejlu Tonna, Toni Bajada u oħrajn li tlaħħmu u kisbu popolarità immensa matul is-seklu dsatax. Rumanzi popolari bil-Malti, imma anki letteratura tat-triq fil-forma ta' tqabbil stampat, u li bosta drabi kien ukoll jinkludi stampi tal-karattru jew tal-avveniment, xerrdu dawn il-miti u għenuhom irabbu għeruq fondi fil-memorja nazzjonali kollettiva. Żgur li għenu sabiex il-poplu kiseb sens ta' identità u fiduċja fih innifsu.



Il-waqgħa tal-Forti Sant'Iermu. Disinn ta' Robert Caruana Dingli mill-ktieb ta' Salvatore Laspina, *Outlines of Maltese History*

Eżempju interessanti ta' din it-taħlita bejn folklor u realtà kkonfermata storikament huwa l-karattru ta' Orlando Magro. Filwaqt li Magro ma kienx fost dawk il-karattri li l-kittieba Maltin għollew għal status ta' eroj, storikament Magro appuntu kien ftit jew wisq dak kollu li wieħed jistenna minn eroj tal-Assedju Malti: kuraġġuż, kapaċi, determinat u lest isofri għal pajjiżu assedjat.

Mhux talli Magro kien protagonist ewlieni matul l-Assedju, iżda l-ħidma tiegħu tinsab dokumentata f'kitba oriġinali li tmur lura appuntu għal Ġunju tal-1565. Xogħlu kien primarjament li jwassal l-ittri tal-Gran Mastru de Valette barra minn xtutna … biċċa xogħol tassew delikata u perikoluża meta wieħed jiftakar illi l-kampanja Maltija barra s-swar kienet kollha f'idejn it-Torok u li l-istrett ta' baħar bejn il-gżejjer Maltin u Sqallija kien mgħasses minn skwadra ta' xwieni Torok …

Magro ġie mqabbad mill-Gran Mastru de Valette sabiex, fost l-oħrajn, iwassallu ittra li kien ħejja għal Don Garcia de Toledo, il-Viċi Re ta' Sqallija u li kien l-uniku għajn ta' tama li tasal Malta forza qawwija biżżejjed sabiex jiġi mxejjen l-Assedju fuq il-gżejjer Maltin. Magro ħalla Malta nhar is-17 ta' Ġunju bl-ittra tal-Gran Mastru li fiha ddeskriva s-sitwazzjoni f'Malta bejn il-15 u s-17 tax-xahar. L-ittra ta' de Valette – grazzi għall-kuraġġ ta' Magro u sħabu – waslet għand Don Garcia. Ġimgħat wara din kienet tradotta bil-Franċiż u wara bl-Ingliż. It-traduzzjoni Ingliża ġiet ippubblikata f'forma ta' ktejjeb fil-belt ta' Ghent nhar is-27 t'Awwissu 1565. Dan il-ktejjeb bl-Ingliż, li fih biss tmien paġni u huwa rari ferm, jinkludi wkoll rakkont qasir minn fomm Orlando Magro nnifsu. Dan huwa l-uniku rakkont pubblikat li nafu bih minn Malti matul l-Assedju, u dak li jgħid il-Malti hu kkonfermat minn oħrajn – fosthom il-magħruf Francesco Balbi di Correggio – illi wkoll għexu l-Assedju u ħallewlna deskrizzjonijiet ta' dak li seħħ matulu.

Ir-rakkont ta' Orlando Magro, tradott mill-Ingliż jgħid hekk …

Deskrizzjoni magħmula minn Orlando Magro, pilota tal-galera ewlenija tal-Gran Mastru ta' Rodi, issa ta' Malta, u li wasal fil-belt ta' Messina fis-27 ta' Ġunju tal-1565. Magro rrakkonta hekk …

*Irħejt xtut pajjiżi nhar il-Ħadd, 17 ta' Ġunju 1565 madwar nofs siegħa wara nżul ix-xemx. Kelli miegħi erbgħa oħra u baħħarna fuq qoxra żgħira b'erba' mqadef. Xogħolna kien li nwasslu l-ittri tal-Gran Mastru de Valette lil Don Garcia, Viċi Re ta' Sqallija. Kellna ngħidu lil Don Garcia dak li aħna stess nafu, jiġifieri li t-Torok ilhom tmintax-il jum jassaltaw il-fortizza ta' Sant'Iermu u jibbumbardjawha b'xejn anqas minn erbgħa u għoxrin kanun kbir. Diversi drabi ppruvaw jieħdu l-fortizza f'idejhom.*

*Fl-ewwel attakk tagħhom huma rnexxielhom jieħdu taħt idejhom il-parti ta' barra tal-forti, imsejħa r-ravellin. It-tieni darba attakkaw b'elfejn suldat, armati bi slielem sabiex jidħlu fil-forti. Attakk qawwi tagħhom seħħ nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Ġunju. Matul dan l-assalt it-Torok bnew speċi ta' pont magħmul mill-arbli u l-injam tal-gverta ta' erba' bastimenti minn tagħhom. B'dak l-armar kollu l-għadu ħaseb li seta' jinfed id-difiża tal-forti u jidħol fiha faċilment. Iżda t-Torok tqarrqu bil-kbir għax l-Insara ddefendew il-fortizza b'qilla liema bħalha. Huma ħarqu l-pont mibni mit-Torok permezz tal-porvli u nirien oħra qawwija. Tmien mitt Tork sfaw maqtula u sitt mija oħra*




Tqabbila popolari illustrata dwar Cejlu Tonna, eroj Malti tal-Assedju l-Kbir

*feruti. Niesna rnexxielhom jeqirdu żewġ magni tal-gwerra użati mit-Torok. Waħda minn dawn kienet tal-Kaptan Pjali, filwaqt li l-oħra kienet ta' Dragut. Matul dak l-attakk it-Torok użaw ukoll stakkament ta' kavallerija magħmula minn tletin żiemel. Kif down esponew ruħhom fil-parti l-għolja tat-taqbid, il-kanuni tal-forti Sant'Anġlu fuq in-naħa l-oħra tal-port fetħu nar qawwi fuqhom. It-tletin kollha sfaw maqtula, u fosthom kien hemm sitta mill-familja tar-Rajjes Dragut u wieħed, jismu Portuch Hali kien il-kaptan ġenerali ta' Rodi. Intlaqat ukoll Dragut li safa ferut.*

*Dan l-attakk dam sejjer ħames sigħat, iżda fl-aħħar it-Torok kellhom kontra qalbhom jirtiraw. Aħna tlifna mitejn mejta u mija u ħamsin feruti, iżda t-Torok kellhom elfejn mejta u daqstant ieħor feruti. Ħafna minn dawn tħallew fit-trunċieri u l-fossijiet ta' madwar Sant'Iermu.*

*Nhar il-Ħadd, 17 tax-xahar, jiġifieri dakinhar li ħallejna Malta, in-nies ta' Dragut qabbdu nar taħt is-sur tal-fortizza, maġenb fejn kellhom erba' biċċiet kbar tal-artillerija. Matul il-lejl ta' wara l-aħħar assalt, il-biċċa l-kbira tat-truppi Torok irritornaw fuq ix-xwieni tagħhom. Huma ħallew biss madwar tlitt elef suldat biex jgħassu l-artillerija. Issa qed jisparaw biss sitt kanuni, iżda sa issa sparaw madwar 13,000 darba fuq Sant'Iermu. Jumejn qabel l-aħħar attakk, it-Torok irtiraw il-flotta tagħhom mill-Port ta' Marsaxlokk u ħarqu l-fortizza li huma kienu bnew hemmhekk, filwaqt li l-flotta baħħret lejn ix-xaqliba tal-bajja ta' San Pawl.*

*Xi Nsara maqbuda mit-Torok u li rnexxielhom jaħarbu u stqarrew magħna li huma kienu qalu lit-Torok waqt li kienu priġunieri illi Don Garcia kellu mija u tmenin bastiment miġbura, armati u lesti sabiex jiġu Malta. Meta semgħu dan, it-Torok tbeżżgħu u tħassbu u bdew jirtiraw fuq il-bastimenti tagħhom matul il-lejl.*

*Fost l-oħrajn, il-Gran Mastru informa lil Don Garcia li kienet instabet għajn ta' ilma frisk fil-Birgu u illi kulħadd beda jqis din is-sejba bħala waħda mirakoluża.*

*Il-kap tal-posta fil-belt ta' Messina kiteb li l-galeri tal-kmandant Mislem Portuch Hali, li nqatel fl-aħħar assalt fuq Sant'Iermu, ġew mgħarrqa mill-artillerija tagħna. Il-Baxà li kien iżomm l-akkont tat-truppi u tal-baħrin Torok sab li erba' xwieni kienu nieqsa.*

*Minn ittri oħra mibgħuta mill-forti Sant'Iermu nafu li meta l-għadu mar sabiex iqiegħed il-pont li kien bena f'postu sabiex ilestih għall-attakk, in-nies tagħna tħassbu u beżgħu tant li kienu qed jikkunsidraw li jċedu l-forti. Iżda, bis-saħħa ta' ispirazzjoni divina u anki bil-kuraġġ li wera ċertu kavallier, mitejn ġellied minn tagħna stqarrew id-determinazzjoni tagħhom li jmutu għall-Fidi Kristjana. Dawn imlew lill-ġellieda l-oħra b'tant kuraġġ illi spiċċaw biex ħarġu rebbieħa. Il-mewt tal-Kaptan Miranda matul dik it-taqbida ssarrfet f'dispjaċir kbir għall-Gran Mastru.*

Orlando Magro spiċċa biex inqabad mit-Torok matul il-lejl tat-23 ta' Lulju 1565, waqt attentat kuraġġuż ieħor sabiex iwassal l-ittri tal-Gran Mastru fi Sqallija, meta d-dgħajsa tiegħu nqabdet mit-Torok fil-fliegu ta' bejn Malta u Għawdex. Huwa ttieħed bħala priġunier fil-ktajjen quddiem is-swar tal-Birgu b'messaġġ minn Pjalì Pasha, iħeġġeġ lill-kavallieri sabiex iċedu l-gżejjer Maltin. Magro jidher li reġa' kiseb il-ħelsien tiegħu għaliex fl-1570, ħames snin wara tmiem l-Assedju, huwa kien qed ibaħħar meta nqabad mill-kursar Mislem Occhiali. Għal darb'oħra Magro rnexxielu jeħles. Nafu, iżda, li hu tressaq akkużat f'Malta li abbanduna l-bastiment tiegħu u ta' hekk ġie kkundannat għall-mewt … tmiem tabilħaqq traġiku għal wieħed mill-eroj Maltin veri u kważi minsija għalkollox.